| Prim Ministru | Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva | Chairperson Eżekuttiv, Awtorita’ tal-Ippjanar |
|---|---|---|

**AL tal- 2017**

## ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

### Regolamenti ta’ l-2017 li Jemendaw ir-Regolamenti ta’ l-2007 dwar l-Ippjanar ta’ l-Iżvilupp (Proċedura Għal Modifiki Minuri ta’ Pjanijiet Sussidjarji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 84 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni Amministrattiva, wara konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu

A.L. 71 tal-2007

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti ta’ l-2007 dwar l-Ippjanar ta’ l-Iżvilupp (Proċedura Għal Modifiki Minuri ta’ Pjanijiet Sussidjarji) , u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Ippjanar ta’ l-Iżvilupp (Proċedura Għal Modifiki Minuri ta’ Pjanijiet Sussidjarji), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

Jemenda Regolament 7 tar-Regolamenti Prinċipali

**2.** Regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Applikazzjonijiet għal tibdila fiż-zoning

**7.** (1) Għal dawk l-applikazzjonijiet li jkunu ġew ippubblikati għal konsultazzjoni pubblika wara t-3 ta’ April tal-2016 u jkunu jinvolvu tibdila u, jew twaqqif taż-zoning kif provdut fl-artikolu 54(2)(b) ta’ l-Att, l-Awtorita’ għanda tippubblika din il-proposta u tistieden rappreżentazzjonijiet fuq l-applikazzjoni fi żmien speċifikat ta’ mhux anqas minn sitt ġimgħat. Wara, l-Awtorita’ għanda tiddeċiedi l-applikazzjoni wara li tieħu konjizzjoni tar-raprezentazzjonijiet kollha sottomessi lilha u tista’ timponi kull kundizzjoni li jidhrilha xierqa liema kundizzjoni trid tkun ġustifikata fil-minuti tal-fajl relattiv.

(2) (i) Jekk l-Awtorita’ taqbel mall-applikazzjoni, kif sottomessa jew kif emendata bl-impożizzjoni ta’ kundizzjonijiet, għanda tirreferiha lill-Ministru għall-approvazzjoni tiegħu;

(ii) Fejn il-Ministru jaqbel mal-applikazzjoni kif riferuta lilu, huwa għandu japprovaha u l-Awtorita’ għanda tippubblika minnufih id-deċiżjoni finali u tirreferi d-dokumentazzjoni relevanti lill-applikant;

(iii) Fejn il-Ministru ma jaqbilx mal-applikazzjoni kif riferuta lilu, għandu jħejji stqarrija ta’ pożizzjoni li biha jinforma lill-Awtorita’ bit-tibdil propost minnhu u l-Awtorita’ għanda temenda minnufih l-applikazzoni skont l-istqarrija ta’ pożizzjoni tal-Ministru u

tissottometti l-istess applikazzjoni għall-approvazzjoni finali tal-Ministru. L-Awtorita’ għanda tippubblika minnufih id-deċiżjoni finali u tirreferi d-dokumentazzjoni  relevanti lill-applikant.

(3) Jekk l-Awtorita’ ma taqbilx mal-applikazzjoni, għanda tippubblika notifika tad-deċiżjoni li għanda tinkludi r-raġunijet tar-rifjut ibbażati fuq konsiderazzjonijiet legali u ta’ppjanar u tinnotifika l-applikant bid-deċiżjoni.”